MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Avviz Numru. 102/2010

**Emanuel Spiteri**

**Vs**

**Martin Buhagiar**

**Il-Qorti**,

Rat l-Avvizipprezentat minn Emanuel Spiteri fl-24 ta' Marzu 2010 permezz ta' liema jitlob li Martin Buhagiar jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' hdax-il elf u hames mitt Euro (€11,500) rapprezentanti prezz ta' merkanzija w oggetti ohra li gew mehuda minn Martin Buhagiar u ma gewx ritornati lura, bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra Martin Buhagiar;

Rat ir-Risposta ta' Martin Buhagiar permezz ta' liema jopponi ghat-talbiet attrici u jitlob li jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, stnate li huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi: (a) ma huwiex minnu li huwa ha xi merkanzija appartenenti lill-attur u ma rritornahiex lura; (b) li gara kien li l-attur kien jikri hanut minghandu u wara li l-istess attur kiser it-termini tal-kuntratt ta' lokazzjoni diversi drabi, u baqa' jippersisti b'dan il-ksur minkejja diversi interpellazzjonijiet, il-partijiet qablu u ftehmu, fil-presenza ta' l-Avukati rispettivi taghhom, li l-kirja kellha tigi fi tmiemha b'effett immedjat u

l-attur kellu jizgombra mill-hanut in kwistjoni u jghaddi l-pussess battal ta' l-istess lura lilu; (c) waqt l-istess laqgha fil-presenza ta' l-Avukati rispettivi taghhom, il-partijeit ftehmu u qablu wkoll dwar data li fiha kellhom jiltaqghu fuq il-post biex l-attur ibattal il-hanut in kwistjoni; (d) fid-data u hin miftiehem l-Avukat tieghu, stante li l-attur xtaq li hu, ossia l-konvenut, ma jkunx prezenti waqt din l-operazzjoni, acceda fuq il-post u dam jistenna quddiem il-hanut ghal siegha u nofs shah izda l-attur baqa' ma tfaccax; (e) huwa baqa' jinterpella lill-attur biex ibattal il-hanut izda l-attur baqa' qatt ma ghamel xejn minn dan; (f) fil-frattemp l-attur kien qed jikkawzalu danni finanzjarji sostanzjali peress illi ghalkemm il-kirja tal-hanut kienet, bi ftehim bejniethom, intemmet, l-attur kien qieghed kappriccjozament jirrifjuta li jbattal il-hanut skond kif miftiehem, bil-konsegwenza li ma setax jikri l-istess hanut lil terzi: (g) wara li ghaddew diversi gimghat u l-attur baqa' ma battalx il-hanut, hu, ossia l-konvenut, infurmah li jekk ma kienx se jbattal il-hanut kien ser ibattlu hu a spejjez ta' l-attur, izda l-attur ghal darb' ohra ghazel li ma jwegibx; (h) ghalhekk huwa acceda fil-hanut u kif fetah il-bieb harget riha tintenn qawwija. Il-merca li kellu l-attur fil-hanut, li kienet tikkonsisti f'affarijiet ta' l-ikel, fil-frattemp skadiet u addirittura bdiet tintenn. Huwa ghalhekk qabad l-affarijiet skaduti, u kwindi ta' ebda valur, u rmiehom. Huwa inkorra fi spejjez sabiex jarmi dawn l-oggetti u jnaddaf il-hanut u dana wara li l-attur naqas milli jonora l-ftehim milhuq bejniethom; (i) il-merca li giet mormija lanqas meta kienet gdida u vijabbli u ma kellha l-valur ta' €11,500 pretiz mill-attur, ahseb u ara merca konsistenti fi prodotti ta' l-ikel skaduti u li nitnu, li l-valur taghhom huwa pratikament ta' zero Euro (€0) u addirittura huwa, ossia l-konvenut, kellu jinkorri fi spejjez biex naddaf il-hanut;

Semghet ix-xhieda moghtija minn Abiola Spiteri waqt is-seduti tad-29 ta' Novembru 2010[1], tas-7 ta' Frar 2011[2] u tas-17 ta' April 2012[3] u rat id-dokument "AS1" esebit minnha a fol. 36 sa' 38 tal-process, semghet ix-xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduti tad-29 ta' Novembru 2010[4] u tas-17 ta' April 2012[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "ES1" u Dok. "ES2" a fol. 23 sa' 30 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Esther Opayemi moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2011[6] u x-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' April 2011[7] u rat id-dokumenti esebiti mill-konvenut markati Dok. "MB1" a fol. 42 sa' 45 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Neville Chappelle moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju 2012[8] u x-xhieda ta' l-Avukat Dottor Philip Farrugia moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2012[9];

[1] Fol. 31 u 32 tal-process.
[2] Fol. 39 tal-process.
[3] Fol. 62 sa' 64 tal-process.
[4] Fol. 33 u 34 tal-process.
[5] Fol. 65 sa' 67 tal-process.
[6] Fol. 40 tal-process.
[7] Fol. 46 u 47 tal-process.
[8] Fol. 70 u 71 tal-process.
[9] Fol. 78 sa' 80 tal-process.

Rat li b'Digriet moghti fit-28 ta' April 2011[10] l-attur gie awtorizzat jipprezenta kopja legali ta' l-atti tal-kawza, inkluza s-sentenza, fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Martin Buhagiar" deciza fil-25 ta' April 2011, izda tali kopja legali baqghet ma giet ipprezentata qatt;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;
Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat**:

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' €11,500 rapprezentanti l-valur ta' merkanzija w oggetti ohra li gew mehuda mill-konvenut u ma gewx minnu ritornati lill-attur. Il-konvenut jopponi ghat-talba ta' l-attur in kwantu infondata fil-fatt u fid-dritt, stante li:(a) ma huwiex minnu li huwa ha xi merkanzija appartenenti lill-attur u ma irritornahiex lura; (b) li gara kien li l-attur kien jikri hanut minghandu u wara li l-istess attur kiser it-termini tal-kuntratt ta' lokazzjoni diversi drabi, u baqa' jippersisti b'dan il-ksur minkejja diversi interpellazzjonijiet, il-partijiet qablu u ftehmu, fil-presenza ta' l-Avukati rispettivi taghhom, li l-kirja kellha tigi fi tmiemha b'effett immedjat u l-attur kellu jizgombra mill-hanut in kwistjoni u jghaddi l-pussess battal ta' l-istess lura lilu; (c) waqt l-istess laqgha fil-presenza ta' l-Avukati rispettivi taghhom, il-partijeit ftehmu u qablu wkoll dwar data li fiha kellhom jiltaqghu fuq il-post biex l-attur ibattal il-hanut in kwistjoni; (d) fid-data u hin miftiehem l-Avukat tieghu, stante li l-attur xtaq li hu, ossia l-konvenut, ma jkunx prezenti waqt din l-operazzjoni, acceda fuq il-post u dam jistenna quddiem il-hanut ghal siegha u nofs shah izda l-attur baqa' ma tfaccax; (e) huwa baqa' jinterpella lill-attur biex ibattal il-hanut izda l-attur baqa' qatt ma ghamel xejn minn dan; (f) fil-frattemp l-attur kien qed jikkawzalu danni finanzjarji sostanzjali peress illi ghalkemm il-kirja tal-hanut kienet, bi ftehim bejniethom, intemmet, l-attur kien qieghed kappriccjozament jirrifjuta li jbattal il-hanut skond kif miftiehem, bil-konsegwenza li ma setax jikri l-istess hanut lil terzi: (g) wara li ghaddew diversi gimghat u l-attur baqa' ma battalx il-hanut, hu, ossia l-konvenut, infurmah li jekk ma kienx se jbattal il-hanut kien ser ibattlu hu a spejjez ta' l-attur, izda l-attur ghal darb' ohra ghazel li ma jwegibx; (h) ghalhekk huwa acceda fil-hanut u kif fetah il-bieb harget riha tintenn qawwija. Il-merca li kellu l-attur fil-hanut, li kienet tikkonsisti f'affarijiet ta' l-ikel, fil-frattemp skadiet u addirittura bdiet tintenn. Huwa ghalhekk qabad l-affarijiet skaduti, u kwindi ta' ebda valur, u rmiehom. Huwa inkorra fi spejjez sabiex jarmi dawn l-oggetti u jnaddaf il-hanut u dana wara li l-attur naqas milli jonora l-ftehim milhuq bejniethom; (i) il-merca li giet mormija lanqas meta kienet gdida u vijabbli u ma kellha l-valur ta' €11,500 pretiz mill-attur, ahseb u ara merca konsistenti fi prodotti ta' l-ikel skaduti u li nitnu, li l-valur taghhom huwa pratikament ta' zero Euro (€0) u addirittura huwa, ossia l-konvenut, kellu jinkorri fi spejjez biex naddaf il-hanut.

[10] Fol. 41 tal-process.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi determinata hija l-mod kif intemmet il-kirja tal-hanut proprjetà tal-konvenut. Din il-kwistjoni jehtieg li tigi determinata sabiex jigi stabbilit x'drittijiet kellu, jekk effettivament kellu, il-konvenut fuq il-merkanzija w oggetti ta' l-attur li baqghu fil-hanut hekk kif intemmet il-kirja, u konsegwentement ghalhekk l-attur huwiex gustifikat o meno li jesigi hlas minghand il-konvenut tal-valur ta' tali merkanzija w oggetti.
Mill-atti processwali jirrizulta li ma huwiex kontestat bejn il-partijiet kontendenti li fl-2007 l-attur kera hanut minghand il-konvenut. In effetti l-istess konvenut jiddikjara li *l-ftehim dwar il-kirja tal-hanut intlahaq ma' Emanuel Spiteri, il-kirja kienet ghall-perijodu ta' hames snin li tiggedded ghal hames snin ohra u f'kaz li l-inkwilin jiddeciedi li jittermina l-kirja, kellu jaghti tliet xhur pre-avviz. Il-kera dovuta kienet ta' €708 fix-xahar. Il-hanut effettivament ghadda ghand Emanuel Spiteri f'Dicembru 2007 izda ghal dan ix-xahar jiena ma' tlabtx il-hlas tal-kera. Tul is-sena 2008 jekk niftakar sew ghax-xahar ta' Frar ma kontx tlabt il-hlas tal-kera ghall-kumplament tax-xhur sa' meta inqalghet il-kwistjoni f'Awwissu 2008 jiena thallast il-kera dovuta*[11]. Madanakollu però fir-rigward tal-mod kif intemmet il-kirja l-partijiet kontendenti jaghtu versjonijiet differenti ghal xulxin.

Skond Abiola Spiteri, mart l-attur u l-persuna li kienet tiggestixxi l-hanut mikri minghand il-konvenut, kien il-konvenut stess li darba minnhom f'Awwissu 2008 ghalaq il-hanut u ma ppermettilihiex li tkompli topera minn hemm: *In November 2007 my husband rented a shop in Qawra from the defendant Martin Buhagiar. From this shop I used to sell African food. I work inside the shop. In the shop I used to work alone since my husband has another employment. One fine day in August 2008 when I went to open the shop I found it closed. The defendant called from upstairs since he lives in the same building where the shop is situated and he told me that he had locked the shop. Martin told me that he didn't want any problems and I told him that neither I nor my husband wanted any problems. The issue was that I had put some crates in front of the shop containing drinks and the premises next door were complaining about these crates*[12].

Fir-Risposta ghat-talba ta' l-attur il-konvenut jghid li *wara li l-attur kiser it-termini tal-kuntratt ta' lokazzjoni diversi drabi, u baqa' jippersisti b'dan il-ksur sahansitra wara diversi interpellazzjonijiet, il-partijiet qablu u ftehmu, fil-presenza ta' l-Avukati rispettivi, illi l-kirja kellha tigi fi tmiemha b'effett immedjat, u l-attur kellu jizgombra mill-hanut in kwistjoni u jghaddi l-pussess battal ta' l-istess lura lill-konvenut*[13], izda imbaghad meta xehed quddiem il-Qorti waqt is-seduta tat-28 ta' April 2011[14], il-konvenut kull ma qal kien li inqalghet kwistjoni bejnu u l-attur f'Awwissu 2008 u li *wara Awwissu*

[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' April 2011, fol. 46 u 47 tal-process.
[12] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Novembru 2010, fol. 31 u 32 tal-process.
[13] Para (ii) tar-Risposta tal-konvenut, fol. 4 u 5 tal-process.
[14] Fol. 46 u 47 tal-process.

*2008, ghalkemm fil-post il-fridges baqghu jahdmu b'mod regolari w anki l-affartijiet baqghu hemmhekk, madanakollu l-post fih innifsu baqa' maghluq ghaliex Emanuel Spiteri ma baqax jopera minn hemm.* Il-konvenut ma jsemmi xejn dwar ksur da parte ta' l-attur tal-kondizzjonijiet tal-kirja u fi kwalunkwe kaz jigi osservat li baqa' qatt ma tax dettalji dwar l-allegat ksur persistenti tal-kondizzjonijiet tal-kirja da parte ta' l-attur.
In kwantu rigwarda l-allegat ftehim bejn il-partijiet kontendenti li l-kirja tal-hanut tintemm, jigi osservat li l-Avukat tal-konvenut, ossia l-Avukat Dr. Philip Galea Farrugia, li kien qed jassisstih dak iz-zmien fil-kwistjoni li kellu ma' l-attur u li suppost kien prezenti meta l-partijiet allegatament waslu ghal tlai ftheim, ma jsemmi xejn fir-rigward. Kull ma jghid hu li *kien hemm xi battibekk illi kien hemm xi allegazzjoni illi s-Sur Buhagiar ha l-affarijiet u s-Sur Buhagiar cahad li ha l-affarijiet, qal li kien hemm ...... goods illi ttiehdu u ftehmna l-ghada biex isir access biex ovvjament naqtghu s-sitwazzjoni darba ghal dejjem. Jigi s-Sur Spiteri jara x'hemm and we take it up from there, dik kienet, u niftakar illi mort, il-hin insejtu, u ghamilt siegha u nofs skorruti fil-fatt nistenna, però ma tfacca hadd*[15].

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk, kuntrarjament ghal dak affermat mill-konvenut, il-kirja tal-hanut ma ntemmitx bi ftehim u qbil bejnu u l-attur izda giet minnu terminata b'mod unilaterali meta f' Awwissu 2008 ghalaq il-hanut u ma ippremettiex lil Abiola Spiteri, mart l-attur, tidhol u tkompli topera minn hemm. Din l-osservazzjoni twassal ghall-konkluzzjoni ulterjuri li l-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jibqa' jzomm il-merkanzija w oggetti li baqghu fil-hanut u wisq inqas li jiddisponi mill-istess skond kif deherlu hu.

Jigi rilevat li l-versjoni moghtija mill-konvenut dwar l-merkanzija li baqghet fil-hanut u x'sar minnha hija mizghuda b'numru ta' inkonsistenzi w anke kontradizzjonijiet li serjament jimpingu fuq il-kredibilità tieghu u ta' dak minnu affermat.

Filwaqt illi fir-Risposta tieghu l-konvenut jikkontendi li meta acceda fil-hanut, wara li allegatament l-attur baqa' jirrifjuta li jmur jigbor l-oggetti u l-merkanzija li kien ghad hemm fih, *kif fetah il-bieb ta' barra laqghetu riha tinten liema bhala: effettivament il-merca li kellu l-attur kienet tikkonsisti f'affarijiet ta' l-ikel li nel frattemp kienu skadew u addirittura nitnu. Il-konvenut ghaldaqstant qabad dawn l-oggetti skaduti – u kwindi bla ebda valur – u rmiehom. In oltre l-konvenut kellu wkoll jinkorri spejjez biex jarmi dawn l-oggetti u jnaddaf il-hanut, u dana wara n-nuqqas ta' l-attur li jaderixxi mal-ftehim milhuq bejn il-partijiet* u li *effettivament il-merca li giet mormija lanqas meta kienet gdida u vijabbli ma kellha valur ta' hdax-il elf u hames mitt Ewro (€11,500) kif mitlub mill-attur, ahseb u ara merca konsistenti f'affarijiet ta' l-ikel skaduti u jintnu, li l-valur taghhom huwa prattikament ta' zero Ewro (€0), anzi l-konvenut kellu addirittura jinkorri spejjez biex jarmi din il-merca u jnaddaf il-hanut*, meta xehed waqt is-seduta

[15] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2012, fol 78 sa' 80 tal-process.

tat-28 ta' April 2011, huwa ddikjara li *jiena hemmhekk indunajt li dawn is-€700 fix-xahar li suppost kelli nithallas tal-post ma kont ser nehodhom qatt u ddecidejt li ma stajtx nibqa' bil-hanut miftuh* [probabilment hawn ried jghid maghluq]. *Ghalhekk jiena kont krejt van mill-Hamrun, vicin il-Mile End, kont hadtu hdejn il-hanut, ghabbejtu bl-affarijiet u dawn garrejthom u qeghdin jinzammu go store li jiena krejt minghand certu Neville Baldacchino Hal Qormi. … Sussegwentement kien rega' avvicinani Best* [lil minn allegatament ghadda l-cash register, il-computer u xi affarijiet zghar ohra] *li kien qalli biex l-affarijiet jinbieghu u nithallas mill-flus taghhom ghaliex l-attur ma kellux flus minn fejn ihallasni. Jiena allura kont iddecidejt li dawn l-affarijiet li kienu qeghdin ikkustoditi Hal Qormi nbieghhom u nithallas mill-valur taghhom. Dan l-istock kien jikkonsisti fil-maggor parti f'affarijiet ta' l-ikel illi kienu wkoll affarijiet Afrikani allura ma nkunx naf ezattament x'inhuma u kien hemm ukoll xi kaxxi tal-birra. Jien bieghhejthom lil persuna Afrikana u dana kien gie l-istore ta' Hal Qormi ghabbieh fil-karozza u telaq. Jiena, ghalhekk, thallast mill-valur ta' dawn l-oggetti u billi issa thallast kull ma kelli niehu kien ghalhekk li ma ftahtx proceduri fil-konfront ta' l-attur. Kien hemm xi differenzi zghar imma ma qaghadtx infittex ghalihom*[16].

Minn dawn iz-zewg siltiet appena citati huwa ferm evidenti li ghall-ewwel il-konvenut afferma li l-affarijiet ta' l-ikel li baqghu fil-hanut kienu skadew u nitnu tant illi kellu jarmihom, filwaqt illi meta effettivament xehed quddiem il-Qorti ddikjara li l-merkanzija li kien hemm fil-hanut, li kienet tinkludi affarijiet ta' l-ikel ukoll, inbieghet minnu biex jithallas dak skontu lilu dovut mill-attur. Jigi ribadit li din il-kontradizzjoni hekk sostanzjali f'dak affermat mill-konvenut dwar il-merkanzija li baqghet fil-hanut, serjament timpingi fuq il-kredibilità tieghuu ta' dak minnu affermat.

Fil-fehma tal-Qorti hi liema hi l-verità, u cioè sia jekk il-merkanzija skadiet u allura giet mormija mill-konvenut u sia jekk il-merkanzija inbieghet minnu biex jaghmel tajjeb ghall-hlasijiet skontu lilu dovuti mill-attur, il-konvenut huwa tenut ihallas lill-attur il-valur ta' l-oggetti u merkanzija li baqghu maqbudin fil-hanut peress illi huwa ma kellu l-ebda dritt li jibqa' jzomm tali affarijiet u merkanzija meta unilateralment ipproceda biex itemm il-kirja tal-hanut.

Fil-fehma tal-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi ghandu jirrizulta li l-pussess tal-konvenut ta' dawn l-affarijiet, ossia tal-merkanzija u ta' l-oggetti li baqghu fil-hanut wara li unilateralment temm il-kirja, kien a tenur ta' dak dispost fl-Artikolu 531(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta wiehed in *mala fede – min jaf, jew minhabba c-cirkostanzi ghandu jahseb li l-haga li jippossjedi hija ta' haddiehor, huwa pussessur ta' mala fidi.*

Jekk il-merkanzija li baqghet fil-hanut verament skadiet u nitnet kif allegat mill-konvenut fir-Risposta tieghu dana gara, fil-fehma tal-Qorti, b'tort tal-

[16] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' April 2011, fol. 46 u 47 tal-process.

konvenut li qabad u ghalaq il-hanut bil-merkanzija go fih. Ghalkemm il-konvenut jikkontendi li kien l-attur li ripetutament naqas milli jbattal il-hanut huwa ma ressaq l-ebda prova korroborativa f'dan ir-rigward, prova partikolarment mehtiega fid-dawl tal-fatt li kemm l-attur kif ukoll Abiola Spiteri entrambe cahdu li qatt ma kien hemm ftehim mal-konvenut li l-attur kellu jaccedi fil-hanut biex ibattal l-oggetti u l-merkanzija li kien hemm fih.

Waqt is-seduta tas-17 ta' April 2012 ghall-mistoqsija *would I be correct, that in fact you had agreed to meet Mr. Buhagiar's lawyer near the shop, so you would empty and take things from the shop, but in fact only the lawyer turns up and you did not turn up?* Abiola Spiteri rrispondiet *No, they said we should come and meet and he doesn't respond. I do not agree with the suggestion that a meeting was set with Mr. Buhagiar's lawyer so that I could go to the shop and retrieve my things from there, but I did not attend as I said I did not agree with this suggestion*[17]. Waqt l-istess seduta in risposta ghall-mistqosija *int qed issemmi laqgha li saret ghand l-avukat tieghek Dr. Chris Cilia dak iz-zmien, ir-Rabat, fl-ahhar ta' dik il-laqgha tiftakar li qbiltu li l-ghada kellkom tmorru fuq il-post, is-sinjur ma jkunx hemm, jkun hemm l-avukat tieghu u int tigbor l-affarijiet, u int ma mortx ghal dik il-laqgha*, l-attur xehed *ma jidhirlix li kien hemm dan il-ftehim*[18].

Nonostante din ix-xhieda ta' l-attur u ta' Abiola Spiteri u ghalkemm il-konvenut jikkontendi li *lill-attur baghtlu diversi ittri tramite l-avukat tieghi li dak iz-zmien kien Dr. Philip Galea Farrugia, biex jigi u jbattal il-hanut,* dawn l-ittri ghal xi raguni jew ohra ma gewx esebiti mill-konvenut u ghalhekk ma hemmx prova li tikkorobora dak minnu affermat, u cioè li kien l-attur li ripetutament naqas milli jbattal il-hanut wara li ntemmet il-kirja. Huwa veru li ressaq lill-Avukat Dottor Philip Galea Farrugia li xehed li kien hemm okkazzjoni fejn stenna lill-attur biex jigi battal il-hanut u skontu dan ma tfaccax, izda din hija biss okkazzjoni wahda fejn invece l-konvenut jghid li dan l-allegat nuqqas ta' l-attur kien ripetut, liema allegazzjoni però jigi ribadit ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk f'dan ix-xenarju ghandu japplika dak dispost fl-Artikolu 557 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè *il-pussessur ta' mala fidi hu obbligat ukoll ghall-hsarat kollha li jigru b'eghmilu, kif ukoll ghal dawk li jigru b'accident, kemm-il darba, ikun liema jkun il-mod li bih ha l-pussess tal-haga, ma jippruvax li dik il-haga kienet xorta wahda tispicca jew titgharraq li kieku kienet f'idejn sidha.*

Jekk mill-banda l-ohra l-merkanzija li kien hemm fil-hanut mhux veru intremiet izda inbieghet mill-konvenut flimkien ma' l-oggetti li kien hemm fil-hanut sabiex jithallas ta' kera skontu dovuta lilu mill-attur, il-Qorti tistaqsi x'kera kienet dovuta lill-konvenut meta fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-28

[17] Fol. 62 sa' 64 tal-process.
[18] Fol. 65 sa' 67 tal-process.

ta' April 2011 huwa ddikjara li *l-hanut effettivament ghadda ghand Emanuel Spiteri f'Dicembru 2007 izda ghal dan ix-xahar jiena ma tlabtx il-hlas tal-kera. Tul is-sena 2008 jekk niftakar ssew ghax-xahar ta' Frar ma kontx tlabt il-hlas tal-kera, ghall-kumplament tax-xhur sa' meta inqalghet il-kwistjoni f'Awwissu 2008* ***jiena thallast il-kera dovuta***[19].

Mill-istess imsemmija xhieda jirrizulta li l-pretensjoni tal-konvenut hija hlas ta' kera ghat-tlett xhur tul liema l-merkanzija w l-oggetti l-ohra li kien hemm fil-hanut baqghu fil-hanut wara li intemmet il-kirja u l-konsum tad-dawl skond is-submeter installat fil-hanut, izda fil-fehma tal-Qorti din il-pretensjoni ma hijiex affattu gustifikata. Apparte il-fatt li se mai hawn wiehed ghandu jitkellem f'termini ta' kumpens u mhux ta' kera in kwantu l-kirja kienet giet terminata, il-Qorti tqis li proprio in vista tal-fatt li kien il-konvenut li unilateralment temm il-kirja tal-hanut u ma tirrizultax prova sodisfacenti li kien l-attur li ripetutament kien qed jiffirjuta li jbattal il-hanut wara li ntemmet il-kirja, il-konvenut ma kellu l-ebda dritt jippretendi u jesigi ebda hlas minghand l-attur. B'hekk il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jibiegh il-merkanzija u l-oggetti li kien hemm fil-hanut minflok ma jirritornhom lill-attur jew se mai jiddepozithom taht l-Awtorità tal-Qorti.

Ghalkemm il-konvenut jghid li persuna kunjomu Best ssugerielu li jbiegh l-oggetti u l-merkanzija biex jithallas dak dovut lilu mill-attur in kwantu l-attur ma kellux flus biex ihallsu - *Ghalkemm tajt dawn l-affarijiet lil Best, fuq il-kumplament ta' l-affarijiet ma kien hemm l-ebda tip ta' reazzjoni. Jiena hemmhekk indunajt li dawn is-€700 fix-xahar li suppost kelli nithallas tal-post ma kont ser nohodhom qatt u ddecidejt li ma stajtx nibqa' bil-hanut miftuh* [probabilment il-konvenut ried jghid maghluq]. ... *Sussegwentement kien rega' avvicinani Best li kien qalli biex l-affarijiet jinbieghu u nithallas mill-flus taghhom ghaliex l-attur ma kellux flus minn fejn ihallasni. Jiena allura kont iddecidejt li dawn l-affarijiet li kienu qeghdin ikkustoditi Hal-Qormi inbieghhom u nithallas mill-valur taghhom* – huwa naqas milli jressaq lil dan Best bhala xhud biex jikkonferma dak minnu allegat u allura l-Qorti xorta wahda tibqa tal-fehma li l-konvenut biegh merkanzija w oggetti appartenenti lill-attur minghajr ma kellu dritt jaghmel hekk.

F'dan ix-xenarju ghalhekk ghandu japplika dak dispost fl-Artikolu 556 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta: *(1) il-pussessur ta' mala fidi hu obbligat, dejjem, irodd il-hwejjeg kollha li jkun okkupa ingustament. (2) Kemm-il darba dan il-pussessur ma jkunx baqa', min rajh jew bi htija tieghu, jippossjedi xi wahda minn dawk il-hwejjeg, hu obbligat irodd lill-attur il-profitt li jkun ghamel minnha, jew, kif jaghzel l-attur, ihallas lil dan, il-valur tal-haga fiz-zmien li ma jkunx baqa' jippossjediha jew il-valur taghha fiz-zmien tat-talba, skont liema jkun l-akbar, ghad illi, f'dan il-kaz, hu ma jkun ha ebda profit minnha.*

[19] Enfasi tal-Qorti.

Fid-dawl ta’ dan kollu osservat ghalhekk, thares minn fejn thares lejn il-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur tal-merkanzija w oggetti li baqghu fil-hanut wara li ntemmet il-kirja u li ma gewx ritornati lilu. Raggunta din il-konkluzjoni però jehtieg issa jigi determinat jekk l-ammont ta’ €11,500 pretiz mill-attur huwiex wiehed gustifikat jew inkella le.

Bhala prova ta' l-ammont pretiz minnu l-attur ipprezenta rendikont ta' l-oggetti u merkanzija li baqghu fil-hanut wara li intemmet il-kirja, Dok. “ES1” a fol. 23 sa’ 25 tal-process, u permezz ta' martu rega' pprezenta l-istess rendikont izda bil-valuri ta' dik il-merkanzija u ta' dawk l-oggetti li ma gewx ritornati lilu, Dok. “AS1” a fol. 36 sa’ 38 tal-process. Ta' min jinnota li l-attur mhux qed jitlob il-valuri tal-freezer tal-gelati u tal-gelati u ta' go fiha u tal-fridge ghad-drinks peress illi dawn gew ritornati mill-konvenut lill-fornituri rispettivi.

Fir-rigward tar-rendikont esebit minnha Abiola Spiteri iddikjarat li *I cannot submit receipts pertinent to these items for the reason that these receipts are locked up inside the shop. That is were I left the receipts and I don't know if they are still there today*[20]. Il-konvenut ma kkontestax il-quantum *per se* tal-valuri indikati minn Abiola Spiteri ghaliex huwa pprova jikkontrapponi ghat-talba ghall-hlas tal-valur taghhom bl-affermazzjoni inizjali li l-merkanzija skadiet, nitnet u kellha tintrema bil-konsegwenza li din sfat bla valur, bl-affermazzjoni sussegwenti u kuntrarja li l-merkanzija bieghha biex jithallas dak skontu lilu dovut mill-attur u bl-affermazzjoni ulterjuri li l-computer, il-cash register u xi affarijiet ohra kien tahhom li certu persuna jismu Best, liema persuna però qatt ma tressqet bhala xhud u lanqas giet esebita ricevuta li dawn l-oggetti effettivament ghaddew fil-pussess ta’ dan Best. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tqis li, salv ghall-osservazzjonijiet li se taghmel iktar 'l quddiem dwar il-quantum ta' l-ammont pretiz mill-attur, ma hemmx raguni ghalfejn ma ghandhiex tikkonsidra r-rendikont ipprezentat minn Abiola Spiteri bhala prova ammissibbli.

Nonostante dan il-fatt però l-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha prodotti quddiemha, tqis li l-ammont ta’ €11,500 pretiz mill-attur bhala l-valur tal-merkanzija w oggetti li baqghu fil-hanut wara li l-konvenut tem mil-kirja, huwa wiehed ezagerat.

Mix-xhieda ta' Neville Chappelle, l-accountant ta’ Abiola Spiteri, moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju 2012, jirrizulta li l-ewwel perijodu ghall-finijiet ta’ VAT kien, skond ma qaltlu l-istess Abiola Spiteri, minn Gunju 2008 sa’ Dicembru 2008 u fir-rigward ta’ tali perijodu irrizultalu closing stock tal-valur ta’ €1,250, liema valur fil-fehma tal-Qorti huwa l-valur tal-merkanzija li baqghet fil-hanut meta l-konvenut temm il-kirja f’ Awwissu 2008.

---

[20] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-7 ta’ Frar 2011, fol. 39 tal-process.

Neville Chappelle xehed hekk: *hi* (ossia Abiola Spiteri) *giet ghandi bhala klijenta u filwaqt li ssemmew 2007 u 2008, ir-records li ghandi jiena 2008. Fil-fatt ghandi l-ewwel VAT return li ntbaghtet li jkopri minn Gunju 2008 sa' Dicembru 2008, jigifieri fuq dak il-perijodu nista' nitkellem jien, 2008. 2007 ma ghandi l-ebda record. Jiena kkompilajt VAT return u eventwalment ghamilt rendikont jigifieri profit and loss account ghas-sitt xhur tat-2008. Mill-informazzjoni li tatni hi, jien accounting records ma ghandix jigifieri lanqas stock lists. L-istock huwa kkalkulat a bazi tar-rapprezentazzjoni li ghamlet il-klijenta tieghi. 2008, tas-sitt xhur, ir-rendikont li sar juri qligh zghir ta' erba' mija u sitta u hamsin, four hundred and fifty six u kien hemm stock zghir ta' one thousand, two hundred and fifty, elf mitejn u hamsin. .... Opening stock ma kellix ghax peress li kien l-ewwel perijodu, skond ma qaltli hi dejjem, kelli xirja dak il-perijodu ta' sebat elef li minnhom kellha closing stock ta' elf u mitejn u l-ohrajn inqatghu bhala cost of sales mill-bejgh li sar wara li nqatghu l-ispejjez kif ghidt baqa' dak il-qligh zghir ta' four hundred and fifty six*[21].

Kif già iktar 'l fuq osservat jirrizulta li l-ewwel perijodu ta' taxxa ghall-finijiet ta' VAT kien dak minn Gunju 2008 sa' Dicembru 2008 u ghalhekk isegwi li l-attività ekonomika mill-hanut kienet ikkoncentrata fuq dak il-perijodu, jew ahjar fuq parti minn dak il-perijodu, u mhux qabel, tant illi Abiola Spiteri lil Neville Chappelle ma pprovdietux b'dokumentazzjoni ghall-perijodi li jigu qabel Gunju 2008. Ghal kull buon fini jigi osservat li ghalkemm a tenur ta' l-Artikolu 17(4) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta *l-ewwel zmien ta' taxxa ghal persuna ghandu jibda fid-data meta dik il-persuna tigi registrata taht l-artikolu 10 u jintemm f'dik id-data li tista' tigi stabbilita mill-Kummissarju*, fil-kaz in ezami dan ma kienx il-kaz peress illi Abiola Spiteri kienet qed tinnegozja taht il-VAT number ta' l-attur[22], hekk kif dikjarat mill-istess attur, u ghalhekk fin-nuqqas ta' prova mod iehor, l-unika interpretazzjoni logika li tista' tinghata ghall-ewwel perijodu ta' taxxa f'dan il-kaz hi li n-negozju mill-hanut ma sehhx qabel Gunju 2008. B'hekk ladarba l-kirja intemmet f' Awwissu 2008 il-valur tal-merkanzija li baqghet fil-hanut wara tmiem il-kirja ma setax ikun iktar minn €1,250, ossia il-valur tal-closing stock determinat minn Neville Chappelle.

L-attur jitlob ukoll il-valur ta' diversi oggetti li baqghu fil-hanut u ma gewx ritornati lilu. Kif già iktar 'l fuq osservat il-konvenut ma ressaqx prova sodisfacenti li whud minn dawn l-oggetti gew ritornati lill-attur tramite certu persuna jismu Best u ghalhekk il-valur taghhom, komplessivament ammontanti ghal €1,833.34, ghandu jigi minnu imhallas lill-attur. L-attur fl-ahhar tar-rendikont jindika diversi oggetti li taghhom jippretendi l-hlas izda ma jaghtix valur ghalihom u fin-nuqqas ta' prova ta' tali valur il-Qorti ma tistax tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur ghalihom. L-attur jitlob ukoll il-hlas lura tas-somma ta' €708 rapprezentanti l-kera imhallsa bil-quddiem

[21] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju 2012, fol. 70 u 71 tal-process.
[22] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' April 2012, fol. 65 sa' 67 tal-process.

gurnata biss qabel ma l-konvenut ittermina l-kirja tal-hanut. Madanakollu però l-attur ma pprezenta l-ebda ricevuta ghal dan il-hlas u mill-provi prodotti ma jirrizultax b'mod car li huwa jew martu effettivament hallsu l-kera ta' xahar bil-quddiem gurnata biss qabel ma' l-konvenut ittermina l-kirja ghalhekk fin-nuqqas ta' prova konkreta l-konvenut ma jistax jigi kkundannat ihallas din is-somma ta' €708 pretiza mill-attur.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li l-ammont li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur huwa ta' €3,083.34.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba ta' l-attur limitatament però ghas-somma ta' €3,083.34 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' €3,083. 34, bl-imghax legali dekoribbli mit-12 ta' April 2010, id-data tan-notifika ta' l-Avviz lill-konvenut, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal 1/3 mill-attur u 2/3 mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------